REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1303/2008

tat-18 ta' Diċembru 2008

li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 983/2008 li jadotta l-pjan għall-allokazzjoni lill-Istati Membri ta' riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2009 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 43(g) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba żvista amministrattiva, fl-Anness III għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 983/2008 [2], rigward it-trasferimenti intra-Komunitarji taz-zokkor, ġew elenkati aġenziji żbaljati fir-rigward tal-aġenziji awtorizzati biex jirċievu z-zokkor għal-Litwanja u l-Portugall rispettivament. Korrezzjoni ta' dawn l-iżbalji hija meħtieġa biex tkun żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-pjan.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 983/2008 għandu għalhekk jiġi korrett skont dan. Il-korrezzjoni għandha tapplika middata tad-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-miżura pprovduta f'dan ir-Regolament hija skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 983/2008, ir-raba' kolonna, "Id-Destinatarju", hija emendata kif ġej:

(1) Fil-punt 2, "Ministério das Finanças, Direcção-Geral das Alfândegas e dos Impostos Especiais sobre o Consumo, Direcção de Serviços de Licenciamento, Portugal" għandha tinbidel b'"IFAP, Portugal".

(2) Fil-punt 4, "NMA, Lietuva" għandha tinbidel bi "Lietuvos žemės ūkio ir maisto produktų rinkos reguliavimo agentūra, Lietuva".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-10 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2008

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 268, 9.10.2008, p. 3